Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 930/2015

**Titan International Ltd (C-1115)**

**Vs**

**Richard Ghirxi**

20 ta' Ottubru, 2017

1. L-attrici harrket lill-konvenut ghas-somma ta' €2,237.90 prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata. Fil-meritu l-konvenut kien qieghed isostni li l-merkanzija kellha tithallas billi kellu jaghmel xoghol ghas-socjeta attrici.

2. L-aggravji tal-konvenut jikkoncernaw:
   (a) L-eccezzjoni li l-azzjoni hi preskritta skont l-artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili. It-Tribunal wasal ghal konkluzjoni li l-konvenut kien ma kienx qieghed jixtri l-oggetti bl-imnut u ghalhekk dik id-disposizzjoni ma kinitx tapplika ghall-kaz in ezami. Min-naha tieghu l-konvenut isostni:

   *"L-appellant ma kienx jixtri prodotti b'wholesale minghand is-socjeta appellant sabiex ibieghu b'retail price lil terzi persuni".*

   Irrispettivament jekk il-bejgh kienx bl-imnut jew bl-ingrossa, il-konvenut jirrikonoxxi li hu debitur tas-socjeta attrici. Madankollu jsostni li l-hlas ghandu jsir b'xoghol u mhux fi flus. Tant hu hekk li fir-risposta li pprezenta bi twegiba ghar-rikors tal-appell, qal:

   *"Fil-fatt l-appellant qatt ma qal li mhux se jahdem dan ix-xoghol u ghamel zmien jigri wara s-socjeta appellata izda s-socjeta appellate qatt ma kkoperat".*

   Il-konvenut stess xehed:

   *"Meta jiena ma bqajtx nahdem b'mox regolari mat-Titan International spiccajt li jiena kont hadt iktar materjal milli kont hdimtilhom xoghol u naqbel li kien ghad baqa' dovut l-ammont ta' elfejn mitejn sebgha u tletin ewro u disghin centezmu (€2,237.90)* ***pero jiena ma nippretendix li ghandi nhallas dan l-ammont. Dan peress li x-xoghol dejjem kien bil-bartering*** *....."*

   Imbaghad in kontro-ezami qal:

*"Jiena nikkonferma wkoll id-dok DS1 u nghid li jiena dejjem ghidtilhom li jiena kelli naghti izda dejjem ghidtilhom li kelli naghti b'bartering"*.

Ghalhekk ladarba l-konvenut jirrikonoxxi li hu debitur tal-attrici irrispettivament kif ghandu jwettaq l-obbligazzjoni, l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ma tistax tirnexxi.

(b) Il-meritu. Il-konvenut isostni li bejn il-kontendenti kien hemm ftehim ta' *bartering* u dan giet accettat mit-Tribunal, it-talba tal-attrici ma kellhiex tintlaqa'. Dwar dan it-Tribunal ghal Talbiet Zghar iddecieda:

*"Jirriżulta li m'hemm l-ebda ftehim formali bejn il-partijiet li jobbliga lis-soċjeta` attriċi tipprovdi x-xogħol lill-konvenut, bħalma lanqas m'hemm irbit min-naħa tal-konvenut li bilfors irid jaċċetta x-xogħol mingħand l-attriċi.* ***Dak li sar għal tliet snin kien bl-aċċettazzjoni taż-żewġ partijiet u bil-volonta tat-tnejn, iżda mhux b'konsegwenza ta' obbligi legali****.*

*Lejn l-aħħar tar-relazzjoni kummerċjali tagħhom, Leo Borg Marks ma xtaqx jibqa' jinkariga lill-konvenut bħala subcontractor. Min-naħa tiegħu, il-konvenut ukoll kien imħabbat ħafna bil-klijenti personali tiegħu. Ma rnexxielhomx isibu ħin opportun għat-tnejn sabiex Ghirxi jaħdem għal Titan biex b'hekk jissalda dak li kien minnu dovut.*

*Kienet x'kienet ir-raġuni wara dan, anke jekk dan potenzjalment seta' kien imputabbli lis-soċjeta` attriċi, l-ammont pretiż minn Titan għadu sal-lum mhuwiex imħallas. It-Tribunal m'huwiex f'pożizzjoni li jordna li dan l-ammont jitħallas mingħand il-konvenut bi tpaċija ma' xogħol, fl-ewwel lok għaliex kif diġa ntqal, m'hemm l-ebda obligazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet f'dan is-sens, fit-tieni lok għaliex it-Tribunal, ai termini tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta, m'għandux il-kompetenza li jagħmel dan"*.

Kuntrarjament ghal dak li pprova jaghti x'jifhem il-konvenut, it-Tribunal ma qalx li kien hemm ftehim bejn il-partijiet li l-merkanzija li l-konvenut jixtri minghand l-attrici, ihallasha permezz ta' servizz li jaghti lill-attrici.

Il-*modus operandi* bejn il-kontendenti ma jfissirx li l-attrici kellha obbligu li tinkariga lill-konvenut jaghmlilha xoghol sabiex tithallas il-prezz tal-merkanzija.

F'kull kaz:

- il-konvenut xehed: *"Nispjega li meta xi sentejn ilu kienet cemplitli mill-accounts biex titlobni l-flus jien kont ghidtilha biex minflok flus nghaddilha xoghol bi tpartit. Fil-fatt kien cempilli darba wahda f'Awissu s-sur Marks fejn kien il-jum tat-Tnejn u kien talabni nwahhallu air-conditioners sal-Erbgha ta' wara. Jiena nispjega li dak iz-zmien inkunu mimlijin bix-xoghol u nkunu bbukkjati ferm iktar qabel u ghalhekk jiena ma stajtx naqdih u ghaldaqstant jiena koknt ghidtilhom biex ix-xoghol li*

*ghandi naghmel sabiex inpaci l-ammont li kien ghadu dovut kelli nkun inkarigat naghmlu fi zmien tax-xitwa meta nkun iktar liberu jew inkellha offrejtlu wkoll jistenna wara n-nies li kelli diga bbukkjati"*. Obbligazzjoni ghandha titwettaq minnufih u mhux meta jkun komdu d-debitur.

- Ladarba r-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti spiccat ghal kollox, il-konvenut ma jistax jippretendi li l-hlas kellu jsir billi jaghmel xoghol ghall-attrici.

(c) It-Tribunal ma ddecidiex dwar it-tielet eccezzjoni li kienet taqra:

*"... l-ittra ufficjali ai termini 166A hija irrita u nulla u dana ghaliex ma gietx miktub fil-forma rikjesta ai termini tal-Artikolu 166A(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-esponent m'ghanduxx ibati l-ispejjez taghha"*.

It-Tribunal iddecieda li l-ispejjez ghandu jaghmel tajjeb ghalihom il-konvenut, kif kellu kull dritt jiddeciedi gialadarba l-konvenut tilef il-kawza. F'kull kaz a fol. 10 tal-process hemm kopja vera tal-ittra ufficjali u fiha mhemm xejn li jista' jwassal lill-qorti biex tikkonkludi li ma tiswiex. Inoltre, kull m'ghamel il-konvenut hu li ccita l-artikolu 166A tal-Kap. 12 minghajr ma identifika l-allegat difett.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.**

Anthony Ellul.